KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 43 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar Il-Ħamis 29 ta' Jannar 2015 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.30pm | 9.55pm |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.25pm | 9.55pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.45pm | 9.55pm |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.30pm | 9.55pm |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | Skużata | Xogħol |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.30pm | 9.55pm |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri | Skużat | Xogħol |
| Kunsillier James Cassar | Skużat | Imsiefer |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.30pm | 9.55pm |
| Kunsillier David Meilak | 8.00pm | 9.55pm |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.10pm | 9.55pm |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 42- 18 ta' Diċembru**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 42 li saret fis-18 ta' Diċembru 2014 kienu intbagħtu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament wara li saret emenda kif ġej :

F'item 5 fl-aħħar tat-tielet paragrafu żdiedet sentenza : « Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa jekk il-kunsill kienx qed jagħżel l-irħas offerta teknikament skont il-kriterji mitluba. Il-perit irrisponda li ma kienux l-irħas iżda l-uniċi kuntratturi bl-aktar esperjenza ta' kif mitluba mit-tender u l-kuntrattur AL-Hag kien l-uniku wieħed li ta' lil kunsill 10 snin garanzija. »

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

Is-Sindku rrimarkat li kienet ferm iddiżappuntata li ma kienx hemm rispons u konkorrenza biżżejjed mill-kunsilliera dwar il-proposti għal-Open Spaces. Kienu biss 4 kunsilliera li bgħatu l-proposti tagħhom. Hija qalet li kienet ippreparat lista ta 39 proposta.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa għaliex ma saritx ir-risposta lil-Awditur Ġenerali dwar ir-rapport tal-awdituri tal-kunsill għas-sena 2013. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrisponda li kif huwa kien informa għal-aktar min darba kemm lid-Dipartiment tal-Kunsilli kif ukoll lil-Kunsill, huwa ma kienx f-pożizzjoni li jirrispondi u jieħu fuqu r-responsabilita għal-għemil tal-accountant mqabbad mill-Kunsill u għalhekk ma setax jirrispondi għar-rapport. Huwa fakkar li l-Kunsill ma kienx aċċetta li jieħu passi dwar dan l-accountant avolja għal-3 snin wara xulxin l-awdituri rraportaw li ma kellhomx opinjoni dwar il-pożizjoni finanzjarja tal-Kunsill tal-Mosta. Kien biss l-istess Aġent Segretarju Eżekuttiv li ħa r-responsabilita li joħrog 'default notice' lil dan l-ex accountant.

## 3.0 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta Pagamenti

Ġiet approvata unanimament lista ta' pagamenti Nru 32 għall-ammont ta €62,197.64 kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

### (b) Lista tal-Works Orders

Il-lista tal-works orders ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

### c) Lista ta Purchase Orders

Il-lista tal-purchase orders ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

### d) Lista ta Depożiti

Ġiet approvata unanimament il-lista ta' depożiti. Lista annessa ma dawn il-minuti kif ippreżentata.

## 4.00 Korrispondenza

Ġiet ippreżentata lista Nru:39 ta' 5 items ta' korrispondenza. Id-deċizjoni dwar din il- korrispondenza tinstab annessa ma' dawn il-minuti.

Dwar korrispondenza Nru. 4 il-kunsill qabel unanimament li l-impjegata Ms. Rita Galea titla minn Notch 6 għal Notch 7 fi Skala 11 b'effett min Jannar 2015.

## 5.0 Ħatra ta Bord ta' Għażla Segretarju Eżekuttiv

Ġie approvat unanimament li l-Bord tal-Għażla sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid għal-Kunsill Lokali tal-Mosta wara l-irtirar bil-pensjoni tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenti s-Sur John J. Camilleri fil-31 ta' Marzu, 2015. Is-

Sindku Dr. Shirley Farrugia, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph De Martino, u l-Kunsillier Alex Muscat ser ikunu l-membri tal-Bord tal-Għażla.

## 6.0 Inauguration Ceremony – Ta Bistra

Is-Sindku infurmat li l-progett ta' Bistra kien ser jigi inawgurat fil-20ta' Frar. Seri kun prezenti is-Segretarju Parlamentari Dr. Stefan Buontempo kif ukoll tfal mill iskejjel tal-Mosta. Hija hegget lill-kunsilliera kollha sabiex jattendu ghal din l-okkazjoni.

## 7.0 Ħatra ta Ambaxxatur Lokali taż-Zgħażagħ

Il-Kunsillier Keith Cassar gie inkarigat jara min jista jigi mahtur bhala Ambaxxatur taz-Żgħażagħ wara li is-Sur Steve Bartolo għalaq it-tmintax il-sena u għalhekk ma setax jibqa ambaxxatur. Is-Sur Keith Cassar għandu jinforma lill-amministrazjoni bl-isem tal-ambaxxatur il-ġdid.

## 8.0 Proposti għal Proġetti Kapitali fil-lokalitajiet

Wara s-sejħa mill-Ministeru Għall-Gustizzja, Kultura, u Gvern Lokali għal proposti mill-kunsilli għal-għajnuna fit-twettiq ta' proġetti kapitali, il-Kunsill qabel unanimament li jitressqu żewg proposti.kif gej:

(1) Talba għal-għajnuna finanzjarja għal-ewwel fażi tal-proġett tal-Batterija tat-Tarġa u

(2) Talba għal-għajnuna finanzjarja sabiex ikun jista jinbidel il-lift fiċ-Ċentru Ċiviku.

Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia qalet li kienet ser tieħu ħsieb li jintbagħtu dawn il-proposti lil-Bord tal-Għażla.

## 9.0 Laqgħa tal-Lokalita

Ġie deċiż unanimament li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalita tal-Mosta issir nhar il-Erbgħa 25 ta' Frar, 2015. Is-Sindku ħeġġet lill-kunsilliera kollha sabiex jattendu u jipparteċipaw.

## 10.0 Deċiżjoni dwar Lift

Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jinbidel dan il-lift u jaċċetta l-kontribuzjoni ta' Euro 20,000 mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja. Għal-dan il-għan kienet sejra issir talba għal-għajnuna ta' finanzjament mill-iskema ta' Proposti Kapitali kif imsemmi aktar il-fuq f'dawn il-minuti f'item 8.0. Id-Dipartiment tas-Saħħa Primarja jiġi nfumat meta l-Kunsill jirċievi risposta għal-din it-talba.

## 11.00 Aġġornament fuq DP Construction

Is-Sindku infurmat li kien hemm xi tibdil fl-azzjonisti ta' DP Construction li huma l-kuntratturi tar-rikostruzjoni ta' toroq fil-Mosta that l-progett tal-PPP 2. Hija infurmat li issa x-xogħol kien wasal fl-aħħar u kien baqa biss parti żgħira fi Triq ir-Rebbiegħa li fiha kien joqgħod l-ilma li jinżel min Triq E B Vella. Kien hemm ukoll lista ta' affarijiet li jridu jitranġaw (snag list) min DP Construction sabiex id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jkun jista jgħaddi l-aħħar pagament ta' Euro 150,000 lill-Kunsill.

## 12.00 Affarijiet Oħra

Ġie approvat li fit-13 ta' Frar, 2015 issir l-attivita tal-Karnival fis-sala tal-komunita fuq l-istess linja tas-snin l-imgħoddija. Il-Kunsilliera Marthese Mifsud u Mario Sammut ġew inkarigati b'din l-attivita.

Ġie approvat li l-Kunsilliera Marthese Mifsud torganizza ħarġa għal-Imgarr (Malta fil- 14 ta' Marzu, 2015.)

Is-Sindku nfurmat li l-proġett ta' Bistra kien ser jigi nawgurat fil-20 ta' Frar 2015. Ser ikun preżenti s-Segretarju Parlamentari Dr. Stefan Buontempo kif ukoll tfal mill-iskejjel tal-Mosta. Hija ħeġġet lill-kunsilliera kollha sabiex jattendu għal din l-okkażjoni.

Ġie approvat li l-attivita tal-preżentazjoni tal-premjijiet tal-Bird Show issir nhar is-27 ta' Frar, 2015 fuq l-istess linji tas-snin l-imgħoddija.

## 13.00 Aġġornament

Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill tal-Mosta gie mgħażul fost 5 kunsilli sabiex fis-sena 2015 jingħata s-somma ta' Euro 30,000 għal xiri ta' pjanti sabiex jitpoġġew fid-diversi toroq tal-Mosta. Din l-iskema nħarġet mid-Dipartiment Żvilupp Sostenibbli, Ambjent, u Tibdil fil-Klima. Il-Kunsill għandu joħroġ talba għal-kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw dawn il-konteendituri u pjanti mingħand diversi stabilimenti. Dan peress li ma kienx hemm żmien sabiex jinħareg tender. ELC, li huma l-kuntratturi tal-Kunsill għal-manutenzjoni tal-ġonna, għandhom ukoll jintalbu kwotazjoni għal-manutenzjoni ta' dawn il-pjanti.

Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Ħamis 19 ta' Frar, 2015.

| | |
|---|---|
| Dott Shirley Farrugia | John J. Camilleri |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |